# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa 28 ta' Ġunju, 2023**

**Rikors 703/2022**

**Numru: 4**

**Bank Of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**1.Anthony Vella, panel beater, iben Rosario u Lorenza nee' Vella, imwieled u residenti Żabbar u**

**2.Dr.Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Jean Pierre Busuttil maħtura kuraturi deputati nominati biex jirrappreżentaw l-eredita' ġjaċenti ta' Carmen Vella, mart Anthony, housewife, bint Anthony Barbara u Antonia nee' Scicluna, imwielda Żabbar, u b'digriet datat 16 ta' Jannar, 2023 ġew estromessi l-istess kuraturi deputati u**

**Anthony Vella assuma l-kurażija biex jirrappreżenta l-eredita' ġjaċenti tal-mejta Carmen Vella. Ukoll b'digriet tal-14 ta' April, 2023 ġiet miżjuda bħala intimata s-soċjeta' Grazia Autocare Company Limited ai terminu ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors promotur fejn ġie premess illi :**

*"Illi in forza ta' sentenza moghtija minn Din l-Onorabbli Qorti fid-9 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet: "Bank of Valletta p.l.c. vs 1. Grazia Auto Care Company Limited*

*u 2. Anthony u Carmen mizzewgin Vella" – Rikors Guramentat numru 597/2008 AL - Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro LL.D.) (Dok. "A") l-imsemmija Onorabbli Qorti Ikkundannat lill-intimati sabiex ihallsu flimkien u in solidum bejniethom is-somma ta' hames mija u sebgha u tmenin elf, mija u disgha u disghin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€587,199.35) sorte, flimkien mal-ispejjez tal-kawza u mal-imghaxijiet ulterjuri mit-28 ta' Novembru 2007 sal-jum tal-pagament effettiv.*

*Illi, debitu tal-intimati illum jammonta ghas-somma ta' miljun, mitejn u disgha u tmenin elf, tmin mija u tmienja u disghin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,289,898.63), kwantu ghas-somma ta' hames mija u sebgha u tmenin elf, mija u disgha u disghin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€587,199.35) sorte, kwantu ghas-somma ta' sitt mijau sitta u tmenin elf, tlett mija u erbat Ewro u hames centezmi (€686,304.05) imghaxijiet legali sat-13 ta' Lulju 2022 (Dok. "B1 sa B2") u kwantu ghas-somma ta' sittax-il elf, tlett mija u hamsa u disghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€16,395.23) spejjez legali kif ahjar jirrizulta mit-taxxi hawn annessi u mmarkati Dok. 'C1 sa C11' flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-14 ta' Lulju 2022 sal-jum tal-pagament effettiv u spejjez legali ohra.*

*Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta is-sentenza surriferita setghet tigi ezegwita u di piu Carmen Vella mietet fis-27 ta' Settembru 2021 kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat tal-mewt hawn anness u markat Dok. "D".*

*Illi kontestwalment mal-istanti, is-socjeta esponenti qeghda tipprezenta rikors ghall-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' Carmen Vella*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tawtorizzaha tezegwixxi is-sentenza moghtija minn Din l-Onorabbli Qorti fid-9 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet: "Bank of Valletta p.l.c. vs 1. Grazia Auto Care Company Limited u 2. Anthony u Carmen mizzewgin Vella" – Rikors Guramentat numru 597/2008 AL - Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro LL.D.) (Dok. "A") ukoll kontra l-kuraturi deputati li ser jigu nominati sabiex jirrapprezentaw l-eredita`l gjacenti ta' Carmen Vella , minbarra kontra l-konvenuti fil-kawza Grazia Auto Care Company Limited u Anthony Vella" bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimati."*

**Rat ukoll ir-risposta ta' Anthony Vella et[1] datata 19 ta' Diċembru, 2022 li biha rrisponda li:-**

1. *"Illi l-esponenti jirremetti ruhu ghal dak li jirrigwarda s-sentenza tal-Qorti bin-nurmu 597/08 AL izda jirriserva l-posizzjoni tieghu dwar il-kwantifikazjoni ta' l-imghax u l-spejjes ;*

2. *Illi l-esponenti jirrimetti ruhu ghal posizzjoni dwar l-estensjoni ta' l-effetti tas-sentenza wara li ghaddew hames snin mid-data tas-sentenza;*

3. *Illi l-esponenti kontestwalment ipprezenta rikors sabiex huwa jassumi l-kurazija u/jew rapprezentanza tal-mibkija mara tieghu Carmen Vella [KI 426448 M] fl-atti ta' dawn il-proceduri;*

4. *Illi l-esponenti jirriserva l-posizzjoni tieghu rigwardanti l-hatra ta' kuraturi deputati li jigu nominati sabiex jirraprezentaw l-eredita ta' Carmen Vella fid-dawl tat-talba tieghu biex jassumi l-kurazija u/jew repparezentanta tal-mibkija mara tieghu Carmen Vella [KI 426448 M] fl-atti ta' dawn il-proceduri;*

*Bl-ispejjes, kontra r-rikorrenti ngunti ghas subizzjoni."*

Rat l-atti kollha, semgħet it-trattazzjonijiet.

[1] Folio 26

Ikkunsidrat:

Illi għandu jingħad li dan ir-rikors ġie oriġinarjament propost biss ai terminu ta' l-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi però kif se jirriżulta, l-bank attur ċeda t-talbiet tiegħu fil-konfront ta' ċerta intimati għar-raġunijiet minnu esposti u għażel li jżomm din l-azzjoni ferma biss kontra l-eredita ġjaċenti, kif rappreżentata, tal-mejta Carmen Vella.

Rat id-difiża li ressaq Anthony Vella, li kif hu saput tista' tkun waħda pjuttost limitata, huwa jirreżisti mhux is-sentenza, imma juri riserva fir-rigward tal-kwantifikazzjoni ta' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

Rat ix-xhieda mressqa mir-rappreżentanti tal-bank Jason Zerafa[2], rat ukoll kull dokument esebit mill-bank rikorrenti. Semgħet ukoll ix-xhieda ta' Johanna Bartolo ukoll in rappreżentanza tal-bank rikorrenti

Ikkonsidrat:

Illi ftit għandha xi tgħid il-Qorti fir-rigward tat-talba kif dedotta u r-resistenza għalija. L-imgħaxijiet huma kif dovuti u stabbiliti fis-sentenza li tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni u kif komplew jiddekorru u hekk jkompplu sal pagament effettiv.

Kif sew ingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Muscat vs Rita Caligari**[3] li tagħti dawl ċar għal dik id-difiża li tista' tittella' għal din it-tip ta' xilja:-

[2] Folio 42

[3] Datata 3 ta' Marżu, 2016 Rikors 967/2015LSO

*" Illi l-imsemmi* ***artikolu 258*** *huwa espressament maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258;*

*L-artikolu tal-liġi li abbazi tiegħu qegħda ssir din il-proċedura, cjoe` l-Artikolu 258 tal-Kap 12, mhuwiex intiz biex issir komputazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ tal-kreditu dovut lir-rikorrent. Iżda dan l-artikolu tal-liġi hu mmirat speċifikament sabiex sentenza tkun tista' tiġi riezegwibbli wara li jkun għadda t-terminu taż-żmien stabbilit, u jiġi verifikat li għadd hemm il-ħlas dovut.*

*Illi ġie ritenut fil-ġurisprudenza nostrana, li fl-ambitu tal Artikolu 258 tal-Kap 12:*

*"….l-unika konsiderazzjoni li għandha tagħti din il-Qorti f'proċedura bħal din, hija biss dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenza u l-eżistenza tal-istess sentenza, u wkoll li tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza biss għal-ammont kanonizzat li jkun għadu ma tħallasx……."*[4].

Dan it-tagħlim japplika għal kull eżekuzzjoni mitluba taħt dan l-artikolu.

Rat ukoll in-nota tal-Bank rikorrenti[5] fejn jiddikjara illi kien qed:

---

[4] **Joseph Perici Calascione vs Mario Fenech** P.A. (RCP) deciza fit-12 ta' Diċembru 2000, **HSBC Bank Malta plc vs John Dalli et** P.A. (RCP) deciza fit-18 ta' April 2002**, McBen's Ltd. Vs Mario Grech et** P.A. (236/14) deciza fit-12 ta' Mejju 2014, **Bank of Valletta plc vs Mixer Ltd. Et** P.A. (146/15LM) deciza fl-14 ta' Ottubru 2015.

[5] Folio 28

i) iżomm ferm it-talba tagħha fil-konfront tal-eżekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c vs 1. Grazia Auto Care Company Limited u 2. Anthony u Carmen miżżewġin Vella (rikors ġuramentat 597/2008) kontra Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Jean Pierre Busuttil bħala kuraturi deputati nominati biex jirrappreżentaw l-eredita' ġjaċenti ta' Carmen Vella mart Anthony, housewife, bint Anthony Barbara u Antonio nee' Scicluna, imwielda Żabbar, li kellha karta ta' l-identità' numru 426448(M).

ii) u ċeda r-rikors limitatament fir-rigward tat-talbiet ulterjuri tagħha biex tali sentenza fuq imsemmija tiġi eżegwita wkoll kontra l-konvenuti fil-kawża a) Grazia Auto Care Company Limited u b) Anthony Vella u dan stante illi s-sentenza fuq imsemmija ma ilhiex ħmistax-il sena li ngħatat fir-rigward ta' l-istess "Grazia Auto Care Company Limited' u "Anthony Vella" u għalhekk f'dan l-istadju, ma hemmx il-ħtieġa għall-awtorizżżazzjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza wkoll fir-rigward ta' l-istess konvenuti "Grazia Auto Care Company Limited' u "Anthony Vella" , u dan kuntrarjament għal dak indikat erronjament fir-rikors promotur.

**Dan reġa' ġie ripetut f'nota oħra tal-bank attur[6] fejn iddikjara wkoll li la ma kienx għadda t-terminu ta' ħmistax-il sena ai terminu ta' l-artikolu 258(a) fil-konfront ta' l-intimati ġia msemmija u li issa r-rikors kien qed isir ai terminu ta' l-artikolu 259 tal-Kap 12 biss fir-rigward tal-eredita' gjaċenti tal-mejta Carmen Vella.**

Fir-rigward ta' din l-eredita' ġjaċenti rat ukoll illi Anthony Vella, żewġ id-deċeduta intimata Carmen Vella, ressaq rikors[7]fejn talab li jassumi hu l-kurazija ta' l-eredita ta' Carmen Vella. Konsegwentement, kif ġia rifless fl-okkju ta' dawn

[6] Folio 35
[7] Foli 25

il-proċeduri ġew estromessi l-kuraturi deputati ġia nominati u Anthony Vella assuma tali kurazija.

**Detto ċio il-Qorti ma tara ebda raġuni għala m'għandix tilqa' t-talbiet kif dedotti u konsegwentement qegħda tilqa' t-talba tar-rikorrenti billi tawtorizza lill-istess teżeġwixxi s-sentenza mogħtija mill-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 2008 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs 1. Grazia Auto Care Company Limited u 2. Anthony u Carmen miżżewġin Vella Rikors Ġuramentat numru 597/2008AL fejn l-imsemmija Onorabbli Qorti kkundannat lill-intimati sabiex iħallsu flimkien u in solidum bejniethom is-somma ta' ħames mija u sebgha u tmenin elf, mija u disgha u disgħin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€587,199.35) sorte, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża u mal-imgħaxijiet ulterjuri mit-28 ta' Novembru 2007 sal-jum tal-pagament effettiv, <u>b'dan pero' li in vista taċ-ċessjoni surriferuta dan ir-rikors li qed jiġi deċiż ai terminu ta' l-artikolui 259 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġi milqugħ biss fil-konfront ta' Anthony Vella li assuma l-kurazija ta' l-eredita' gjaċenti tal-mejta Carmen Vella</u>.**

**B'dan li għal kompletezza qed jiġi dikjarat illi, debitu tal-intimati llum jammonta għas-somma ta' miljun, mitejn u disgħa u tmenin elf, tmin mija u tmienja u disgħin Ewro u tlieta u sittin ċentezmu (€1,289,898.63), kwantu għas-somma ta' ħames mija u sebgħa u tmenin elf, mija u disgħa u disgħin Ewro u ħamsa u tletin ċentezmu (€587,199.35) sorte, kwantu għas-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin elf, tlett mija u erba' Ewro u ħames ċenteżmi (€686,304.05) imgħaxijiet legali sat-13 ta' Lulju 2022 (ara Dok. "B1 sa B2" mar-rikors promotur) u kwantu għas-somma ta' sittax-il elf, tlett mija u ħamsa u disgħin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€16,395.23) spejjeż legali kif aħjar jirriżulta mit-taxxi annessi mar-rikors promotur i0mmarkati Dok.**

**'C1 sa C11' flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-14 ta' Lulju 2022 sal-jum tal-pagament effettiv u spejjeż legali oħra.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Dep.Reg.**

**Rita Falzon.**